# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Jannar 2020**

**Kawza Numru: 27**

**Rikors Guramentat Numru:- 1/2019 JVC**

**Silvana Amanati sive Silvana Cachia**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Silvana Amanati sive Silvana Cachia kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi hija twieldet fid-9 ta' Jannar 1966 gewwa H'Attard, Malta u giet registrata bl-isem "Silvana Cachia" (vide certifikat tat-twelid anness bhala Dok A);

2. Illi fl-1 ta' Ottubru tas-sena 1988, l-esponenti izzewget lil Valeriano Amanati, cittadin Taljan, gewwa Malta (vide certifikat taz-zwieg anness bhala Dok B);

3. Illi fl-1 t'Ottubru 1988, l-esponenti kisbet il-hrug ta' passaport Malti gdid li kien jirrifletti l-isem "Silvana Amanati" (Dok C). L-esponenti gedded il-passaport Malti taghha fit-2 ta' Settembru 1992 u dan ukoll gie mahrug taht l-isem "Silvana Amanati" (Dok D);

4. Illi sa minn wara z-zwieg taghha, l-esponenti siefret lejn l-Italja fejn hija stabbiliet ir-residenza principali taghha u fejn hemmek, skont il-prattika tal-post, baqghat tirreferi ghaliha nnifisha bhala "Silvana Cachia", cioe` bil-kunjom taghha ta' xebba;

5. Illi d-dokumenti ufficjali kollha taghha gewwa l-Italja, inkluz il-karta tal-identita`, il-licenzja tas-sewqan u t-*tessera sanitaria jirriflettu* l-isem "Silvana Cachia" (vide Dok E);

6. Illi fil-hajja personali u ta' kuljum taghha, l-esponenti hija maghrufa bl-isem "Silvana Cachia" izda mhux bl-isem "Silvana Amanati" u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh tal-kawza (vide l-*atto notorio* datat 20 ta' Novembru 2018 [Dok F] kif ukoll id-diversi affidavits annessi);

7. Illi allura jirrizulta li "Silvana Cachia" huwa l-isem li l-esponenti tuza ghaliha nnifisha u li bih hija konsistentement maghrufa skont kif trid il-ligi;

8. Illi l-esponenti, specjalment in vista tal-fatt li hija thaddan cittadinanza doppja, ghandha l-interess li d-dokumenti ufficjali taghha f'Malta jkun jirrispekkjaw dawk fl-Italja.

Ghaldaqstant, l-esponent titlob bir-rispett illi wara d-debita publikazzjoni tal-avviz fil-Gazetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu

254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna illi "Silvana Cachia" huwa l-isem li l-esponenti tuza ghaliha u li bih hija konsistentement imsejha;

2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi kull att, certifikat jew dokument relattiv ghall-esponenti biex b'hekk l-isem "Silvana Amanati" ghandu jigi kancellat u jigi sostitwit b'dak "Silvana Cachia".'

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi l-attrici ma ddikjaratx ai termini ta' liema artikolu tal-ligi qieghda ssejjes l-azzjoni odjerna. Madanakollu, mill-qari tar-rikors promotur jidher li l-attrici qieghda tibbaza l-azzjoni taghha fuq l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu tal-ligi jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

2. Illi bla hsara ghal premess u fil-mertu, l-esponent jiddikjara li l-attrici twieldet Malta nhar id-9 ta' Jannar 1966 u zzewget nhar il-1 ta' Ottubru 1988 fil-Knisja Parrokjali ta' San Pawl il-Bahar Malta, u dan kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok DRP 1' u 'Dok DRP 2', rispettivament;

3. Illi mill-Att taz-Zwieg tal-attrici, jidher illi maz-zwieg hija assumiet kunjom zewgha u dan ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kodici Civili. F'dan l-istadju, l-esponent jissottolineja illi fis-sena li zzewget l-attrici, u cioe' fis-sena 1988, il-ligi nostrana fir-

rigward tal-kunjomijiet wara z-zwieg, ma kienetx toffri lil mara l-fakolta' illi tassumi kunjomha xebba, izda kellha bilfors tassumi kunjom zewgha;

4. Illi l-esponent josserva ukoll illi maz-zmien Artikolu 4 tal-Kodici Civili gie sostitwit u emendat diversi drabi.[1] Maghdud ma' dan, l-esponent jissottolineja illi taht is-setghat moghtija lill-Kummissjoni tal-Ligijiet permezz tal-Att tal-1980 dwar ir-Revizjoni tal-Ligijiet Statutarji, gie mizjud f'Artikolu 4, is-sub-inciz 5 li sostanzjalment jirriproduci s-subartikolu (3) tal-artikolu 89 tal-Att XXI tal-1993. Dan is-sub-inciz tal-Artikolu 4 tal-Kodici Civili jistipula: *'Is-subartikolu (1) [tal-Artikolu 4] ghandu japplika ghal mara li tkun izzewget qabel l-1 ta' Dicembru, 1993, kemm-il darba u sakemm ma tikkonsenjax jew tiehu hsieb li tikkonsenja lill-Ufficcju tar- Registratur Pubbliku, il-Formula Q li tinsab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodici fejn turi li taghzel li terga'tiehu kunjom xbubitha.* ***Dik in-nota ma tkunx tista' ssir wara li jghaddu sitt xhur mill-1 ta' Dicembru, 1993*** *u meta tkun konsenjata fl-Ufficcju tar-Registratur Pubbliku id-Direttur ghandu jirregistraha fi ktieb mizmum ghal hekk, li ghalih ghandu jzomm indici taht kunjom xbubit il-mara u kunjom ir-ragel taghha'* [enfasi tal-esponent];

5. Illi stante s-suespost, jidher illi s-sitwazzjoni legali fis-sena 1988 kienet wahda rigoruza bla ma toffri lil mara ebda fakolta' li taghzel liema kunjom ghandha tassumi. Madanakollu, tali cirkostanza nbidlet fis-sena 1993, permezz tal-emendi bl-Att XXI tas-sena 1993. Mad-dhul ta' dawn l-emendi, b'mod partikolari s-sostituzzjoni tal-Artikolu 4, il-mara kellha iktar ghazla fir-rigward tal-kunjom u sabiex tali opportunita'

[1] Permezz tal-Att XXI tas-sena 1993, Att XVIII tas-sena 2004, Att XIII tas-sena 2007, Att XV tas-sena 2012, Avviz Legali 426 tas-sena 2012, Att IX tas-sena 2014, Att XI tas-sena 2015, Att XII tas-sena 2015 u l-Att XXIII tas-sena 2017.

tinghata lil dawk in-nisa li zzewgu qabel ma gew enforzati l-emendi tal-1993, il-legizlatur haseb sabiex permezz ta' Formola appozita, dawk in-nisa li zzewgu qabel l-imsemmija sena setghu jbiddlu kunjomhom. Madanakollu dan seta' jsir sa mhux iktar tard minn Mejju tal-1994;

6. Illi l-esponent jirrileva illi l-attrici ma utilizzatx id-dritt taghha ai termini tal-Artkolu 4(5) tal-Kodici Civili u b'hekk illum l-ghazla taghha rigward il-kunjom hija wahda definittiva. L-esponent huwa tal-umli fehma illi l-attrici kienet konsapevoli tal-kunjom li hija assumiet maz-zwieg u jekk mat-traslok taghha gewwa l-Italja hija ghazlet li tintroduci lilha nnifisha b'kunjomha xebba u taghti l-istess informazzjoni lil Awtoritajet Taljani, bl-intiza li tintegra ruhha fil-kultura Taljana, ghaldaqstant huwa car li kienet ghazla tal-attrici li tohloq identita' doppja;

7. Illi ghat-talbet kif dedotti, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzu ta' din l-Onorabbli Qorti. Maghdud ma' dan, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe' kaz l-azzjoni tal-attrici mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-konvenut u kwindi l-esponent ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda tigi ngunta in subizzjoni.'

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-7 ta' Jannar, 2020.

Rat ukoll illi fl-istess seduta r-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi saret id-debita pubbblikazzjoni skont il-ligi;

Rat il-provi u d-dokumentazzjoni kollha esebita fl-atti partikolarment id-dokumentazzjoni mahruga mill-istat Taljan fejn kollha jevidenzjaw li l-attrici hija maghrufa bl-isem ta' Silvana Cachia fl-istat tal-Italja fejn hija ilha tirrisjedi sa miz-zwieg fis-sena 1988;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Mill-atti u mit-trattazzjoni tal-abbli konsulenti legali tal-partijiet jirrizulta li ma hemmx kontestazzjoni bejniethom li kienet x'kienet ir-raguni, ir-rikorrenti sa mill-bidu taz-zwieg taghha hija marret tghix gewwa l-Italja u giet rikonoxxuta mill-ewwel mill-istat Taljan bil-kunjom 'Cachia' u mhux 'Amanati' nonostante li dak iz-zmien fiz-zwieg taghha f'Malta hija ma kellhiex il-fakulta' li taghzel li zzomm kunjom xbubitha maz-zwieg.

Tqis illi n-nisa mizzewgin u li kienu residenti f'Malta mal-bidla tal-ligi lura fis-sena 1993 kellhom vantagg territorjali fuq dawk li kienu jirrisjedu f'pajjizi barra minn xtutna stante li dawn setghu ferm aktar facilment ikunu jafu bil-bidla fil-ligi u bil-possibilita' moghtija lilhom li jaghzlu li jergghu jirrivertu ghal kunjom xbubithom filwaqt li dan kien ferm aktar difficli ghal dawk li ma kienux jirrijsedu fil-Gzejjer Maltin.

Illi din il-Qorti temmen li lura fis-sena 1993 certament ma kienx hemm il-mezzi ta' komunikazzjoni bhal ma jezistu llum il-gurnata li jaghmluha aktar facli sabiex bidla fil-ligi facilment tkun tista' tigi nota mad-dinja kollha u mhux biss f'Malta u b' hekk min ikollu l-jedd li jagixxi verament ikollu l-opportunita' li jaghmel dan.

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti hija rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn persuna li ma hemm l-ebda dubju li maz-zwieg f'hajjitha hija baqghet maghrufa u rikonoxxuta bil-kunjom Cachia, fil-gzejjer Maltin hija qed tigi maghrufa b'kunjom li hija fuq kollox ma tidentifikax ruhha mieghu u din is-sitwazzjoni taghti lok ghal konfuzjoni dwar l-identita' taghha anki fil-konfront ta' terzi. Din is-sitwazzjoni hija wkoll a detriment tal-interess pubbliku in generali li ghandu jkollu certezza fl-isem u kunjom u fil-persuna tar-rikorrenti. Huwa appuntu din l-incertezza li r-rikorrenti odjerna qieghda titlob li tinstab soluzzjoni ghaliha minn din il-Qorti permezz tar-rikors guramentat odjern. Din il-Qorti, f'kaz li tirrifjuta t-talba tar-rikorrenti tkun qieghda hi stess tissanzjona l-konfuzjoni presentement renjanti dwar kunjom ir-rikorrenti.

Ghaldaqstant in vista tas-suespot din il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti hija legalment gjustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma dak hawn deciz tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tordna illi "Silvana Cachia" huma l-isem u l-kunjom li l-esponenti tuza ghaliha u li bih hija konsistentement imsejjha;

2. Tilqa' t-tieni talba kif isegwi billi tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel id-debitu notament fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti li jgib in-numru wiehed, tmienja, wiehed, zero tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1810/1988) biex b'hekk jigi ndikat li isem u kunjom ir-rikorrenti mad-data taz-zwieg taghha jkunu ndikati fuq l-istess certifikat bhala 'Silvana Cachia' cioe' illi 'l-mara ghazlet li zzomm kunjom xbubitha maz-zwieg' u mhux "Silvana Amanati".

Bl-ispejjez fic-cirkustanzi ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**16 ta' Jannar 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Jannar 2020**